# Is-sabiħ tal-Magħmudija tagħna

Dalwaqt nibdew ir-Randan Imqaddes li sa mill-bidu nett tal-Knisja kien żmien li jservi ta’ skola ta’ fidi għall-ħajja Nisranija mhux biss għal dawk il-katekumeni li kienu jitħejjew biex jirċievu l-Magħmudija, imma wkoll għall-imgħammdin kollha sabiex jerġgħu jiskopru l-grazzja tal-Magħmudija tagħhom li biddlitilhom ħajjithom.

Fil-fatt bi tradizzjoni l-Knisja żammet li ma tagħti l-ebda Magħmudija sa dak il-mument li niċċelebraw il-Velja Solenni ta’ Sibt il-Għid li fiha jirrealizza ruħu dak il-misteru kbir tal-mewt u l-qawmien ta’ Ġesù Kristu. Hekk l-Għid ta’ Kristu jsir l-Għid ta’ kull Kristjan u l-Magħmudija tfisser dan kollu. Għalhekk tiġi ċċelebrata dejjem fil-jum tal-Ħadd li hu l-Għid ta’ kull ġimgħa jew fil-festi l-kbar tal-Knisja appuntu sabiex ngħixu dak li kien spjega San Pawl stess meta qal: “Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida” (Kol 6,3-4). Il-Magħmudija mela tgħaqqadna ma’ Kristu u miegħu tgħaddina mill-mewt biex nieħdu ħajja ġdida bħala wlied Alla. U li tikber u tgħix f’din id-dinja biċ-ċertezza li Alla hu Missierek, hi grazzja enormi li m’għandna qatt ninsewha.



Hu għalhekk li fil-parroċċa tagħna nixtiequ nerġgħu nibdew programm ta’ tħejjija għal dan is-Sagrament tant prezzjuż u importanti. U lill-ġenituri li jixtiequ jgħammdu lil uliedhom nixtiequ ngħinuhom jifhmu aħjar u jgawdu aktar minn dik il-Grazzja kbira li qed tingħata f’dan is-Sagrament. Għalhekk:

- f’kull **l-ewwel Sibt tax-xahar** ser issir laqgħa ta’ tħejjija dwar ir-Rit tal-Magħmudija fl-4.00pm fis-sala taċ-Ċentru għall-ġenituri u l-parrini.
- u mbagħad f’kull **tielet Ħadd tax-xahar** ikun hemm Quddiesa apposta (fl-9.45am jew f’12.00pm) li fiha b’mod komunitarju tiġi ċċelebrata l-Magħmudija għat-trabi.

Imma fil-ġimgħat ta’ wara t-twelid tat-tarbija, il-ġenituri għandhom:

1. Jimlew formula li tinġabar mill-Uffiċċju Parrokkjali jew isibuha online fuq www.nadurparish.com
2. U jagħmlu appuntament mal-Arċipriet Dun Krystof sabiex japplikaw għall-Magħmudija u jirċievu spjegazzjoni dwar is-sens tas-Sagrament u l-għażla tal-parrini.

## AVVIŻI:

Il-Grupp ta’ Talb ta’ Patri Piju se jiltaqa’ nhar it-Tnejn 24 ta’ Frar fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Flimkien mal-Adorazzjoni ngħidu r-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa. Dejjem ninkludu l-intenzjonijiet tal-parroċċa speċjalment il-vokazzjonijiet u l-morda.

Il-Leġjun ta’ Marija fin-Nadur javża li se ssir siegħa Adorazzjoni nhar is-Sibt l-1 ta’ Marzu fit-8.15am fil-knisja tal-Qalb ta’ Ġesù b’riparazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta’ Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd mistieden jingħaqad magħna.

Infakkru u nħeġġu lir-romol kollha, irġiel u nisa, li nhar it-Tnejn 24 ta’ Frar fis-5.45pm hemm il-laqgħa għalihom fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħadd 23 ta’ Frar nistgħu nattendu għall-Karnival tan-Nadur fil-Pjazza fin-12.30pm.

Il-Ħamis 27 ta’ Frar ser nattendu għall-Quddiesa fil-knisja tal-Madonna ta’ Lourdes l-Imġarr, Għajnsielem. Il-ħin tal-quddiesa fid-9.00am. Nitilqu fit-8.30am minn fejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am